# AFFIDAVIT

Jien hawn taħt iffirmat **Dottor Robert Aquilina**, Nutar Pubbliku, iben il-mejtin Carmelo Aquilina u Carmen Aquilina née Grech, imwieled Ħ'Attard fl-10 ta' Ġunju tas-sena 1978 u noqgħod is-Siġġiewi, għandi l-karta tal-identità innumerata 0313178M, solennement niddikjara u bil-ġurament naħlef is-segwenti:

Jien nokkupa l-kariga ta' President tal-organizzazzjoni volontarja REPUBBLIKA, li hi reġistrata mar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi bl-ittri 'L' 'P' 'A' u numri wieħed tnejn tnejn (LPA-122) u mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji bl-ittri 'V' 'O' u numri wieħed sitta sebgħa zero (VO 1670).

Nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) Repubblika preżentat kawża ta' challenge (sfida) kontra l-Kummissarju tal-Pulizija għaliex hu ma kienx obda l-ordni li tah il-Maġistrat Inkwirenti fl-Inkjesta Maġisterjali dwar il-Bank Pilatus u fil-fatt kien irrifjuta li jibda proċeduri kriminali kontra ħames (5) persuni indizjati mill-Maġistrat Inkwirenti f'dik l-inkjesta.

Din il-kawża ta' challenge qed tkun presjeduta mill-Maġistrat Nadine Lia.

Permezz ta' Digriet il-Maġistrat Nadine Lia appuntat l-imsemmija kawża għas-smiegħ nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022).

REPUBBLIKA talbet diversi drabi lill-Maġistrat Nadine Lia biex tirrekuża ruħha milli tippresjedi l-imsemmija kawża ta' *challenge* u spjegat fid-dettal u b'evidenza għalfejn dan għandu jseħħ, iżda l-Maġistrat Dr Nadine Lia kull darba ċaħdet dawn it-talbiet u baqgħet tippresjedi l-każ.

Fit-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) il-Maġistrat Nadine Lia irrikjamat l-imsemmija kawża għall-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) fid-disgħa u nofs u ħamsa ta' filgħodu (9:35a.m.).

Wara li li l-imsemmija kawża ġiet rikjamata, jiena u sħabi fil-Kumitat Eżekuttiv ta' REPUBBLIKA sirna nafu b'aħbar imxandra mill-web portal ta' TVM li l-Maġistrat Nadine Lia kienet irċeviet ittra anonima. F'dak ir-rappurtaġġ ta' TVM issemmiet ukoll il-kawża ta' challenge ta' REPUBBLIKA.

Nhar il-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) fid-disgħa u nofs u ħamsa ta' filgħodu (9:35a.m.) jiena, il-Viċi President ta' Repubblika Alessandra Dee Crespo, il-membru tal-Kumitat Eżekuttiv Vicki Ann Cremona, l-Uffiċjal Eżekuttiv ta' REPUBBLIKA Manuel Delia u l-attivist u membru ta' REPUBBLIKA Frank Piscopo konna preżenti l-Qorti mid-disgħa u kwart ta' filgħodu (9:15a.m.) 'l quddiem biex nattendu għas-seduta rikjamata għal dakinhar mill-Maġitsrat Nadine Lia.

Waqt li konna fil-Qorti aħna konna kontinwament assistiti mill-Avukat Dottor Jason Azzopardi, li qed jassistina f'din il-kawża.

X'ħin wasalna barra l-awla rajna li kien hemm ammont konsiderevoli ta' nies jistennew, ċertament aktar milli setgħu joqgħodu fl-awla fejn il-Maġistrat Nadine Lia kienet qiegħda tisma' l-kawżi.

Jien dħalt fl-awla qabel id-disgħa u nofs u ħamsa ta' filgħodu (9:35a.m.). Meta dħalt fl-awla l-Maġistrat nnutat il-presenza tiegħi. Ftit tal-ħin wara daħlu sħabi. L-Avukat Jason Azzopardi kien magħna fl-awla biswit l-avukati l-oħra li kienu preżenti. Kien hemm ukoll ġurnalisti li kienu preżenti kemm għall-kawża tagħna kiif ukoll biex isegwu kawżi oħra fl-istess awla.

Stennejna fl-awla bi prudenza bħal ma s-soltu jsir fil-Qorti. F'mument minnhom il-Maġistrat ordnat li l-awla tkun żgumbrata biex jinstema' każ fil-magħluq. F'dak il-mument jiena, sħabi, l-Avukat Azzopardi u bosta persuni oħra ħriġna barra mill-awla sakemm instema' dak il-każ. Wara madwar għoxrin (20) minuta ntemm dak il-każ u erġajna dħalna lkoll ġewwa l-awla u komplejna nistennew.

F'ħin minnhom beda jinstema' l-każ tagħna, li fuq il-lista barra l-awla kien jidher miktub bl-idejn bħala l-każ numru għoxrin (20).

F'dak il-mument il-Maġistrat Nadine Lia stqarret li ai termini tal-Liġi kienet qed tinforma lill-partijiet li kienet irċeviet ittra anonima u li kienet infurmat/ser tinforma biha lill-President tar-Repubblika.

Jiena u sħabi konna eżatt wara l-Avukat Jason Azzopardi, li f'dak il-mument kien posizzjonat bħala l-avukat li kien fiżikament l-eqreb tal-Maġistrat Nadine Lia. F'dak il-punt l-Avukat Jason Azzopardi għolla idu l-leminija u beda jlissen kliem u indika b'mod evidenti ħafna lill-Maġistrat li hu ried jitkellem u jiddetta verbal. L-Avukat Azzopardi prova jitkellem għal darba darbtejn f'dak il-mument.

Iżda l-Maġistrat Nadine Lia mill-ewwel qalet li s-smiegħ tal-każ tagħna kien intemm, iddifferit il-każ għas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), isssospendit is-seduta għal ħames (5) minuti u ħarġet malajr mill-awla. B'hekk is-smiegħ taal-każ tagħhna dakinhar dam madwar erbgħin (40) sekonda u ċertament mhux aktar minn minuta.

Jiena, sħabi, l-Avukat Azzopardi u l-ġurnalisti li kienu qed isegwu lkoll bqajna mistgħaġba kemm fil-ħeffa kbira li bih sar dan kollu, kif ukoll bil-fatt li l-Avukat tagħna ma tħalliex jitkellem waqt is-smigħ tal-kawża.

Fil-fatt jiena u sħabi konna miftehmim mal-Avukat Azzopardi x'kellna ngħidu waqt is-seduta fl-eventwalità li kien ser jirriżulta l-Maġistrat Lia kienet irrakkjamat is-smiegħ tal-każ tagħna għal dakinar minħabba li kienet irċeviet l-ittra anonima li konna sirna nafu biha min-news portal ta' Television Malta.

Jiena, uħud minn sħabi u l-Avukat Azzopardi tkellima fil-qosor ma' tnejn (2) mill-ġurnalisti li kienu preżenti fl-awla fuq in-naħa fejn konna posizzjonati aħna – senjatament il-ġurnalist tal-Maltatoday Matthew Agius u l-ġurnalista ta' Newsbook Monique Agius - u ħriġna barra mill-awla u inżilna sular 'l isfel.

Jiena waħdi xi żewġ (2) minuti wara erġajt tlajt fl-awla u tkellmit mal-imsemmija żewġ (2) ġurnalisti dwar kif kien seħħ is-smiegħ ferm rapidu tal-każ tagħna. Domt fl-awla madwar 20 minuta oħra. F'mument minnhom il-bieb ta' bejn is-

sigrieta tal-Maġistrat u l-awla tbexxaq u ttawlet assistenta tal-Maġistrata, ħarset lejja u reġgħet għalqet dak il-bieb. Ftit wara l-imsemmija żewġ (2) ġurnalisti ħarġu barra mill-awla. Fl-awla kien għad fadal ġurnalista tat-Times of Malta – Dr Edwina Brincat – li kienet bilqegħda faċċata tiegħi. Wara xi kwarta jew għoxrin (20) minuta minn meta s-seduta kienet ġiet sospiża, daħlet lura fl-awla l-Maġistrat Nadine Lia, ħarset madwar l-awla – inkluż fid-direzzjoni diretta tiegħi – u kompliet bis-seduta billi bdiet tisma' każijiet oħra. Wara ftit tal-ħin jien erġajt ħriġt mill-awla.

Ftit tal-ħin wara qrajt ir-rapporti tal-Maltatoday, Newsbook u Times of Malta u fhimt li lkoll kemm huma kienu rrapurtaw fedelment dak li kien seħħ waqt is-smiegħ ferm rapidu tal-każ tagħna.

Per eżempju, **Newsbook** irrapurtat li: "*Magistrate Nadine Lia stormed out of the courtroom on Thursday after she informed the parties that she had received an 'anonymous' letter on 13 September.*".

Bl-istess mod, **Newsbook** irraportat li: "*Before the sitting was concluded, lawyer Jason Azzopardi on behalf of Repubblika, asked the court to dictate a note, however, he was cut short by the magistrate, who informed those present that the sittings have been suspended*."

Fir-rapport tal-**Maltatoday** jingħad hekk: "*The magistrate then immediately excused herself, stood up and left the courtroom, ignoring Repubblika's lawyer Jason Azzopardi's request to begin dictating a note. The entire sitting lasted less than one minute*."

In vista ta' dan kollu, xi siegħa wara li spiċċa s-smiegħ rapidissmu tal-każ tagħna, l-Avukat Jason Azzopardi u jiena ippreżentajna fl-atti tal-kawża ta' *challenge,* nota li ħlifna bil-ġurament tagħna fir-Reġistru tal-Qorti, li fiha għidna li ma konniex tħallejna nitkellmu waqt is-smiegħ ta' dakinhar ta' dan il-każ u għidna wkoll dak li konna xtaqna ngħidu bil-fomm waqt dik is-seduta li kieku tħallejna nitkellmu.

Ilbieraħ tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) l-Avukat Jason Azzopardi għadda lili u lil sħabi fil-Kumitat Eżekuttiv ta' Repubblika kopja ta' Digriet mogħti mill-Maġistrat Nadine Lia dwar is-smiegħ tal-kawża dakinhar tal-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022).

Meta jiena rajt il-kontenut ta' dak id-Digriet bqajt mistgħaġeb għaliex fih bosta affermazzjonijiet li assolutament ma jikkorrispondux għall-verità tal-fatti li rajt jiġru quddiem għajnejja u li għext waqt dik is-seduta, kif spjegajt fedelment hawn fuq f'dan l-affidavit.

**Dr Robert Aquilina**
**ID 0313178M**